**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 8 ta' Marzu, 2018**

**Talba Nru: 225/2017PM**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Vs**

**Christopher Pace (331485(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 t'April, 2017 illi l-intimat ghandu jhallas lis-socjeta` attrici is-somma globali ta' erba' mija u disgha u sebghin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€479.27) rapprezentanti servizzi rezi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi tat-tariffa 'Red Start (ECO) – Voice' referibbli ghall-kont bin-numru 1.11011547, bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-6 ta' Marzu, 2018 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba, inkluza l-fattura relattiva ghas-somma mitluba (fol. 3 tal-process) u l-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono (fol. 2 tal-process) u l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2018 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra salv illi, in linea ma' dak deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 (fost ohrajn) l-imghaxijiet fuq is-sorte jiddekorru min-notifika ta` l-avviz lill-konvenut u cioe`, f'dan il-kaz, mid-29 ta' Jannar, 2018.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut thallas lis-socjeta' attrici is-somma komplessiva ta' erba' mija u disgha u sebghin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€479.27) rapprezentanti servizzi rezi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi tat-tariffa 'Red Start (ECO) – Voice' referibbli ghall-kont bin-numru 1.11011547, bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-29 ta' Jannar, 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**